

## Miġbur minn Alexander Caruana

# 50 sena: L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju

*"Bla dubju ta' xejn din l-istatwa hija opra oħra li tkompli ssebbaħ il-Knisja tagħna; opra oħra li hija riżultat tal-inizjattiva tal-Kappillan Dun Ġużepp Minuti, u tat-talent tad-ditta Ferdinand Stuflesser..."*

Is-sena l-oħra b'ferħ kbir iċċelebrajna il-50 sena mill-miġja tal-vara titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen, u propju din is-sena qed niċċelebraw il-50 sena mill-miġja tal-istatwa ferm devota tal-Madonna tar-Rużarju.



*Il-Benefattur Karmnu Schembri (il-Bambinu)*

Kien fis-sena 1957 meta l-kappillan tant ħabrieki Dun Ġużepp Minuti ordna is-sett tal-Via Sagra mingħand id-ditta *Ferdinand Stuffleser*, liema ditta hija mmexxija mill-iskultur Ferdinanrd Stuflesser II. Wara li akkwista din l-istatwa, Dun Ġużepp wera' ix-xewqa li jordna l-vara titulari ta' San Pietru, liema vara kienet waslet Malta bil-pedestall b'kollox f'Lulju 1959. Ftit wara l-istess ditta ħadmet għall-parroċċa tagħna l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. L-istatwa ġiet ordnata mingħajr pedestall, peress li kien ġia deċiż li tibda tintrama fuq il-pedestall li kien inxtara ftit tas-snin qabel mill-parroċċa ta' Santa Marija tal-Gudja. Dan il-pedestall kien jintuża għall-vara titulari tal-Gudja u kien ġie mixtri mingħandhom biex tintrama fuqu l-ewwel vara ta' San Pietru li kienet inħadmet Ruma fis-sena 1947.



*L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju*

L-istess pedestall kien jiġi wżat ukoll għall-vara tad-Duluri. Il-benefattur kien iż-Żurrieqi Karmnu Schembri mlaqqam il-Bambinu u li hu magħruf ukoll bħala Taz-Zonn. Skont ma kien jgħid il-Kappillan Minuti, l-iskultura tal-istatwa kienet qamet 110 lira Sterlina, li minnhom il-benefattur kien ħallas madwar 70 lira Sterlina.

Barra minn dan, kien hemm madwar 37 lira Sterlina oħra spejjeż li kienu jinkludu d-dazju. Tajjeb li ngħidu li mis-sena 1989, is-sena li fiha saret in-niċċa l-ġdida ta' San Pietru, l-istatwa tar-Rużarju ħadet post l-istatwa titulari fin-niċċa li kellha qabel u l-pedestall baqa dejjem armat ma' din l-istatwa, waqt li kien sar pedestal ieħor għall-istatwa tad-Duluri.

Hija statwa li għalkemm sempliċi, hija ħelwa. Bla dubju ta' xejn l-isbaħ partijiet tagħha huma l-uċuħ tal-Madonna u ta' Ġesu' Bambin u l-velu li mpitter b'mod tassew professjonali - tant li taħsbu verament trasparenti. F'dawn l-aħħar 50 sena qatt ma sarilha restawr u fil-fatt id-daqqiet tal-furmaturi tal-iskultur għadhom viżibbli. Oriġinarjament l-istatwa kellha diadema forma ta' ċirku bi tnax-il kewkba imma fis-sena 1989 kien inħadem stellarju mis-Sur Ġorġ Cordina u mieghu kien inħadem ukoll wieħed għall-Bambin. Jingħad li din l-istatwa

waslet fit-2 ta'Jannar 1960 u f'Ottubru tal-istess sena ħarġet għall-ewwel darba fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Bla dubju ta' xejn din l-istatwa hija opra oħra li tkompli ssebbaħ il-Knisja tagħna; opra oħra li hija riżultat tal-inizjattiva tal-Kappillan Dun Ġużepp Minuti, u tat-talent tad-ditta Ferdinand Stuflesser (li tinstab f'Ortisei fil-provinċja ta' Bolzano, fl-Italja ta' fuq).

Nittama li nkomplu nieħdu ħsieb din il-vara li issa qed toqrob għal restawr, u jkun xieraq li jsir restawr ukoll tal-pedestall tagħha, liema pedestall huwa antik ħafna iktar minnha. Dan għandu jsir jekk ma nixtiequx li l-wirt li ħallewlna ta' qabilna jispiċċa fix-xejn.

*Ritratti: Grazzi għal Turu Grima*



*Fil-purċissjoni 1988 meta Birżebbuġa kienet qed tiċċelebra il-75 sena Parroċċa*





*Żur is-sit il-ġdid tas-Soċjetà*

**www.birzebbugaband.org**